# KUNSILL LOKALI LIJA

TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA
TEL. 21416111 FAX 21416941


## MINUTI – LAQGHAT TAL-KUNSILL

## IS-SITT KUNSILL

## SEDUTA NR 3 – IT-TNEJN 24 TA' AWISSU 2009

Il-Kunsill iltaqa' fl-ufficcju amministrattiv tieghu f' Triq Robert Mifsud Bonnici Hal Lija fis-4.30p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti : | Dr. Ian Castaldi Paris | Sindku |
| | Sinjura Magda Magri Naudi | Vici Sindku |
| | Sur Jeremy Anthony Dalli | Kunsillier |
| | Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |
| | Dr. Marc Sant | Kunsillier |
| | Sur Alfred Buhagiar | Segretarju Ezekuttiv |

Pubbliku : Ma kienx hemm pubbliku prezenti

## 1. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-Minuti gew approvati kif ipprezentati u ffirmati mis-Sindku u S-Segretarju Ezekuttiv

## 2. ARISING : LAQGHAT MA L'GHAQDIET

2.1 Is-Sinjura Lorraine Farrugia gibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li ghandha l-hsieb li tiltaqgha ma' l-ghaqdiet tar-rahal biex tressaq u tisma suggerimenti dwar affarijiet ta' interess fir-rahal.

2.2 Is-Sindku spjega li din hija xi haga pozittiva pero l-kunsilliera l-ohra ghandhom ikunu nfurmati u mistiedna biex jattendi ghal dawn il-laqghat, meta jkunu ha jsiru permezz ta' e-mail mill-Kunsill

2.3 Is-Sindku fakkar ukoll li decizjonijiet fuq suggerimenti li jista' jkun hemm bhala rizultat ta' dawn il-laqghat ghandhom xorta jitressqu quddiem il-Kunsill biex ikunu approvati.

## 3. LIJA ATHLETICS FOOTBALL CLUB

3.1 Play area Centru Rekreattiv : Wara tahditiet bejn il-Kunsill u raprezentanti mill-LAFC, il-Kunsill approva biex is-'safety play area' tkun tista' tintuza mit-tfal ta' taht it-tminn snin taht is-supervizjoni ta' ufficcjal mill-istess club. Dawn ghandhom juzaw zraben li ma jaghmlux hsara, is-'synthetic rubber' li hemm f'din l-area. Il-persuna responsabbli tinghata cavetta biex tkun tista' tiftah il-play area fil-hinijiet indikati fl-ittra mighand il-Lija Athletics.

3.2 Synthetic Football Pitch Lija Primary school – Is-sindku tkellem dwar l-agreement eziztenti bejn il-Kunsill Lokali ta' Hal Lija u d-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni u L-Lija Athletics Football Club. Dan il-Pitch kien qed jigi imexxi mill-Lija Athletics b'kordinazzjoni mal-Kunsill Lokali ta' Hal Lija li ghandu it-titolu ta' dan il-pitch. Is-Sindku qal li kien wasal iz-zmien li jsiru tahditiet ma' ufficjali tal-Lija Athletics halli jkun iccarat il-mod li biha qed ikun imexxi dan il-Pitch b'mod specjali li ghandha tingabar aktar informazzjoni ta' min qed jaghmel uzu minn dan il-pitch u kif isiru il-bookings ghal uzu ta' dan il-pitch.

## 4. MEPA ISSUES

**4.**1 Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar il-kas villa Oleander. Huwa qal li jidher li l-izviluppaturi issa
qed jaghmlu xoghol skond il-permess wara li dan gie konformi ma l-iskedar taz-zona kif mahruga mill-MEPA.

**4.2** Dwar PA 05264/08, PA05265/08, PA05266/08, PA05267 f'Merino Street is-Sindku qal li jidher li jista' jkun hemm problema aktar u aktar wara li-bord talab pjanti godda mill-izviluppaturi. Dwar dan il-Kunsill ghamel oggezjoni u kien qed jistenna risposta mill-MEPA f'dan ir-rigward. Kemm il-darba ikun hemm ta' azzjoni urgenti, is-Sindku ghandu izomm lill-kunsilliera infurmati bl azzjoni li tkun ser tittiehed.

## 5. UFFICINI TAL-KUNSILL

**5.1** Il-kunsilliera qablu li ghandhom ikomplu jinsistu biex b'xi mod jinstab mod alternattiv ta' ufficcju amministrattiv tal-Kunsill flok dak prezenti. Dan kien qieghed isir ghar-raguni li l-kunsill ghalkemm ilu kwazi 15 il-sena f'dan is-sit, xorta wahda ghad ma ghandux titolu ufficjali biex ikun jista jkompli jzomm dan il-post bhala ufficcju amministrattiv.

Kien hemm qbil unanimu bejn il-kunsilliera biex jerghu jinzammu tahditiet mad-Direttur tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali biex forsi l-ewwel suggeriment li kien sar fil-bidu tal-kunsill, l-area fic-Centru Rekreattiv hdejn it-Tennis court, tintuza bied jinbena l-ufficcju tal-Kunsill.
Kull suggeriment iehor ta' post alternattiv ghandu jitressaq quddiem il-kunsill biex jigi kkunsidrat flok il-post prezenti.

5.2 Is-Sindku spjega li kien wasal iz-zmien biex isir tibdil fis-'setup' li hemm fil-prezent fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill. Wara diskussjoni dwar dan kien hemm qbil unanimu biex fis-sular ta' isfel ikun hemm 'front desk' mammar fil-facilitajiet necessarji biex l-skrivana tkun tista' taqdi lill-pubbliku fl-aktar affarijiet normali bhal bhal ma huma hlasijiet, permessi u dak kollu li ghandu x'jaqsam mal-'Customer Care'.
Is-Segretarju Ezekuttiv qed ikun awtorizzat biex jiehu hsieb jinxtraw l-affarijiet mehtiega skond kif ikun mehtieg.

5.3 Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar talba minn student li qieghed il-Junior college, biex jattendi
fl-ufficcju amministrattiv, halli josserva 'id-day to day running' tal-kunsill biex jkun jista jhejji l-
project tas-Systems of Knowledge.
Is-Sindku informa lill-kunsill dwar Work Trial Scheme li huwa iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
taht il-'European Social Fund'. Permezz ta' din l-iskema il-Kunsill ser ikollu is-servizz ta'
studenta ghal-perjodu ta' tnax il-gimgha biex titghallem u tahdem ghal-ghoxrin siegha fil-
gimgha. Huwa qal ukoll li din tista' tkun ta' ghajnuna meta l-kunsill ikollu l-htiega ta' part-timer
kemm il-darba tigi addottata is-sistema li l-kunsill ser ikun miftuh nhar ta' Sibt ukoll.

## 6. FTUH TAL-UFFICINI AMMINISTRATTIVI TAL-KUNSILL NHAR TA' SIBT.

6.1 Il-Kunsilliera tkellmu dwar Memo 46 2009 li kif jidher mit-titolu ta' hawn fuq din tirrigwarja it-titjib tas-servizz lic-cittadini lokali li gie identifikat fil-process ta'konsultazzjoni ghar-Riforma tal-Kunsilli Lokali. L-ufficini Amministrattivi tal-Kunsilli kolla ser jibdew jifthu kull nhar ta' Sibt ben it-8.30a.m. u 11.30a.m. L-ghan ewlieni ta' din il-mizura hi sabiex il-Kunsilli Lokali tassew iservu ta' front office fejn ikunu jistghu jsiru hlasijiet ta' multi, ilment, jinhargu permessi u gbir ta' formoli u b'hekk ic-cittadin lokali jkun jista' jinqeda bl-aktar kumdita.
Is-Segretarju informa lill-Kunsill li iz-zewg skrivani impjegati mal-Kunsill iddecidew li mhux ser tkun possibli ghalhom li jidhlu xoghol is-Sibt. Ghal din ir-raguni s-Segretarju ghandu jinforma lid-Dipartiment biex ikun jista' jinbeda l-process halli l-Kunsill ikollu l-permess li jinpjega persuna fuq bazi 'part-time'. Wara dan skond Memo 46 2009 ma jkun hemm l-ebda difficulta biex tinghata awtorizzjoni mill-ETC.

## 7. ADT REQUESTS

**7.1** Zebra Crossing f'Transfiguratiion Avenue. Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-kunsill li kien iltaqa' on site mal-Perit Gordin Zammit biex dan jispjega dwar il-possibilita biex isir Zebra crossing quddiem ic-Centru Rekreattiv. Skond il-Perit din iz-zebra crossing tista' ssir minghajr ma titkisser il-bankina imma permezz ta' rampi li jinhargu l-barra fit-Triq. Minbarra dan ghandhom isiru kuntatti ukoll ma l-Enemalta biex jitpogga id-dawl necessarju.

**7.2** Re-instatement fi Triq Annibale Preca, fi Triq il-Mithna u fi Triq Robert Mifsud Bonnici. Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li kien iltaqa on site mal-Perit Gordin Zammit biex dan jiehu l-azzjoni necessarja halli jsir ir-reinstatement f'partijiet f'dawn it-toroq wara li kien sar zvilupp f'bini gdid.

**7.3** Il-kunsilliera tkellmu dwar il-problema tat-traffiku fl-inhawi tal-Mirakli minhabba l-problema tat-traffiku f'dawn l-inhawi b'mod specjali dwar il-periklu fi Triq il-Mithna kantuniera ma Triq Kardinal Ferretti. Din il-problema ghandha tkun imwassla lill ADT biex dawn johorgu bi pjan ta Traffiku li tkopri iz-zona kollha tal-Mirakli.
Il-kunsill qabel ukoll li ghandu jsir refreshing tas-sinjali tat-traffiku f'din l-area.

## 8. AGGORNAMENT TAL-LAQGHA

8.1 Il-laqgha giet aggornata fis-7.30p.m.

Dr. Ian Castaldi Paris
Sindku

Sur Alfred Buhagiar
Segretarju Ezekuttiv